
Ħej ħbieb!
Jien jisimni Batricia.
Illum ħa nkellimkom ftit
fuq il-friefet il-lejl.
BirdLife
MALTA





Il-friefet il-lejl ma jħobbux ix-xemx. Bi nhar jorqdu f'għerien u postijiet mudlama. Joħorġu biss wara nżul ix-xemx.




Il-friefet il-lejl jieklu ħafna insetti. Dawn spiss jaqbduhom waqt li jtiru. F'lejl wieħed farfett il-lejl wieħed kapaċi jaqbad **2000 nemusa**!





Biex jaqbdu l-insetti fid-dlam, il-friefet il-lejl jużaw trikk jgħidulu **echolocation**. Jagħmlu twerżiq irqiq u jissemmgħu għall-eku mill-insett.

BirdLife MALTA







Fil-ġwienaħ
tal-farfett
il-lejl hemm
l-istess
għadam
bħalma
għandna aħna
f'dirgħajna.
Il-friefet
il-lejl
għandhom
subgħajhom
twal ħafna.

BirdLife
MALTA


Mhux veru jitħabblu fix-xagħar tan-nies!
Mhux veru ħa jiġu jixorbulna d-demm!
Tajjeb li ma nibqgħux nemmnu l-ħmerijiet li nisimgħu fuq il-friefet il-lejl.
Mhux veru li ma jarawx. Għandhom għajnejn u jaraw, imma fid-dlam jippreferu jużaw widnejhom.
BirdLife
MALTA






Dinja Waħda

© 2015 BirdLife Malta
Kunċett Desirée Falzon
Disinn Victor Falzon
Ritratt Matthew Borg Cardona

BirdLife

MALTA

www.birdlifemalta.org